MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 292/2000/1

**Wigi Micallef**

**vs**

**Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp**

**Il-Qorti,**

**I - PRELIMINARI**

1. Wigi Micallef ("l-appellant") kien talab lill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp ("Il-Kummissjoni") biex jigi

ssanzjonat il-bini ta' razzett li ma nbeniex skond il-permess PA 2764/93.

2. B'decizjoni moghtija fl-1 ta' April 1997 il-Kummissjoni cahdet il-permess mitlub ghar-ragunijiet elenkati fi tmien (8) paragrafi fid-dokument relattiv.

3. L-Appellant issottometta appell minn din id-decizjoni lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fit-2 ta' Mejju 1997. L-appellant ressaq il-motivi dettaljati ta' l-appell tieghu u talab lill-Bord li jilqa' l-appell u jichad ir-rifjut.

4. Il-Bord ta d-decizjoni tieghu fid-19 ta' Lulju 2000. Kopja ta' din id-decizjoni qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza, biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza. Il-motivazzjoni sostanzjali tal-Bord hija kontenuta fil-parti konkludenti ta' l-istess decizjoni li taqra hekk:-

"Il-Bord jaqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita`. Sabiex hareg il-permess originali l-l-appellant kellu jaderixxi ma' certu kundizzjoni. Ghazel li ma jaghmilx hekk. Il-kundizzjonijiet kienu diversi fosthom l-kundizzjonijiet 3, 4 u 6. Il-Bord huwa tal-fehma li hawn il-kwistjoni mhix xi wahda ta' semplici *sanctioning* li bhala principju huwa accettabbli, izda proprju ta' sitwazzjoni fejn il-permess kien marbut ma' kundizzjonijiet li ma gewx osservati – u mhux il-kaz allura li jsir *sanctioning* sabiex dawn il-kundizzjonijiet jigu *over-ridden*.

L-Appell huwa ghalhekk michud u r-rifjut relattiv konfermat".

## II - L-APPELL

5. Minn din id-decizjoni, l-appellant intavola appell lil din il-Qorti fil-31 ta' Lulju 2000. Ir-rikors relattiv jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija decizjoni tal-Bord u tilqa' l-appell u tirrimetti l-atti lill-Kummissjoni biex l-applikazzjoni "*to sanction*" "tigi kkunsidrata fuq il-merti taghha u mhux tigi michuda peress li l-appellant ma ottemperax ruhu mal-kundizzjonijiet tal-permess".

6. Il-Kummissjoni wiegbet fl-ewwel lok b'eccezzjoni procedurali cioe` li l-appell kien null peress li ma sarx minn punt ta' ligi deciz mill-Bord kif rikjest mil-ligi. Fit-tieni lok il-Kummissjoni wiegbet ghall-argumentazzjoni kontenuta fir-rikors ta' l-appell ta' l-appellant u talbet li l-istess appell jigi michud u li decizjoni appellata tigi kkonfermata.

## III - KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. L-ewwel li trid tigi deciza hija l-pregudizzjali sollevata mill-Kummissjoni u cioe` li l-appell kien null ghax ma sarx minn punt ta' ligi deciz mill-Bord, kif jistipula l-artikolu 15(2) bl-Att numru I ta' l-1992.

8. Wiehed jinnota li d-decizjoni appellata ma trattatx u ma jidhirx li ddecidiet xi punt ta' dritt u ghalhekk wiehed difficilment ikun jista' jibbaza appell statutorju mill-istess decizjoni billi tali appelli huma limitati biss ghal punti ta' dritt li jkunu gew decizi mill-Bord.

9. L-appellant jghid li d-decizjoni appellata fiha ennuncjat principju zbaljat u ragunament skorrett meta intqal mill-Bord li
"hawn il-kwistjoni mhix wahda ta' semplici '*sanctioning*' li bhala principju huwa accettabbli, izda proprja ta' sitwazzjoni fejn il-permess kien marbut ma' kundizzjonijiet li ma gewx osservati – u mhux il-kaz allura li jsir '*sanctioning*' sabiex dawn il-kundizzjonijiet jigu "*over ridden*".

L-appellant jillamenta:-
"Illi f'dawn ic-cirkostanzi r-rifjut tal-Bord ta' l-Appell fuq il-bazi illi qabel ma jidhlu (recte: jidhol) fil-mertu ta' l-applikazzjoni '*to sanction*' wiehed irid jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet hija fiha nfisha *self defeating* u kontra sens ghax precizament l-applikazzjoni '*to sanction*' issir biex wiehed jirregolarizza ruhu ghax ma ottemprax ruhu mal-kundizzjonijiet".

10. Ghal dana l-argument ta' l-appellant, il-Kummissjoni wiegbet testwalment hekk:-

"Fejn, kif jirrizulta fil-kaz in ezami, l-applikant ma jkunx appella mill-kundizzjonijiet imposti fil-hrug tal-permess originali, dan ifisser li l-istess applikant ikun qabel ma' l-istess kundizzjonijiet u jsegwi li l-istess kundizzjonijiet iridu jigu riflessi u osservati fl-izvilupp relattiv. Ma jaghmilx sens li applikant jibni kif jidhirlu, jiskarta addirittura li josserva kundizzjonijiet integrali tal-permess innifsu, u wara jitlob is-sanzjonar proprju tan-nonossevanza ta' dawk l-istess kundizzjonijiet. Jekk hemm principju ta' natura *self defeating* involut certament li hu l-ghemil fattwali ta' l-appellant bl-agir tieghu s-issa u mhux il-Bord tal-Appell li ddecieda li s-sanzjonar mhuwiex applikabbli fil-kaz in ezami proprju ghaliex dawk il-kundizzjonijiet ma gewx osservati u kienu kundizzjonijiet gusti".

11. Din il-Qorti sostanzjalment tikkondividi il-kontenut ta' din ir-risposta tal-Kummissjoni. Jekk l-appellant ma kienx jaqbel mal-kondizzjonijiet li gew imposti fuqu fil-permess precedenti huwa kien imissu appella, bil-mod previst mil-ligi, minn dawk il-kondizzjonijiet. Minflok ma ghamel hekk, huwa ghazel li jibni kif ried, u cioe` bla ma osserva certi kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Wara li talab li l-bini li bena jigi "*sanctioned*". Il-Bord ma ddecidiex hazin, (jekk talvolta si tratta ta' punt legali) li f'dan il-kaz it-talba ghas-"*sanctioning*" tekwivali ghal talba biex il-kondizzjonijiet precidentement imposti fuqu jigu "*over-ridden*". Ta' min jiftakar ukoll li l-paragrafu citat mid-decizjoni tal-Bord jibda bil-kliem "il-Bord jaqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita`" – turija cara li l-Bord kien fil-meritu u bhala fatt ma rax li l-appellant kellu ragun – decizzjoni din li m'hix sindakabbli minn din il-Qorti.

12. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari imsemmija, tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord – bl-ispejjez kontra l-appellant.

-------------------------------TMIEM-------------------------------